**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 49 – Kontinwazzjoni tas- Seduta Nru.48**

**Il-ĦAMIS 13 TA' NOVEMBRU 2014 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| JUSTIN FENECH | VICI – SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER – 5.30pm |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier R. Rossignaud kien skużat minħabba raġunijiet ta'xogħol

**Is-Sindku qal it-talba.**

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. One-Way (Triq tal-Mekkek minn Triq l-Ibraġ)

   Is- Sindku nforma li dwar din il-materja saru xi żewġ inċidenti u inkitbu xi ittri lit-TM mir-residenti. Id- Direttur wegħdet li ser tħaffef il-proċess sabiex din tiġi one-way permanenti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li t-tabelli ta' indikazzjoni ġew ivvandalizzati tlett darbiet u l-aħħar set ta' tabelli twaħħlu t-Tnejn 10 ta' Novembru 2014.

   Il-Kunsillier M. Abela li hija wkoll ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nfurmat li hija x-xewqa tal-Kumitat li din it-triq tibqa' one-way peress li ħafna residenti urew il-fehma pożittiva tagħhom għal din l-inizjattiva.

   Il-Kunsillier M. Fava ssugerixxa biex din it-triq tiġi biss one-way għal xi ħinijiet speċifiċi sabiex tevita li tinħoloq konġezzjoni tat-traffiku.

   Il-Kunsillier A. Chetcuti ssugerixxa li sssir one-way biss il-bicca fejn joqgħod is-Sur Bonello sa Xendent.

   Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li jsir appuntament mat-TM fejn is-suġġerimenti li inghataw illum jerġgħu jiġu diskussi magħhom.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier irraporta li ta' spiss qed jirċievi lmenti li fi Triq l-Istasija hemm xi ħaddiema li qed jibdew jaħdmu kmieni qabel is-7am. Is- Segretarju Eżekuttiv informa li se jirraporta din il-materja lill-Pulizija.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx kommunikazzjoni mat-Transport Malta dwar it-traffic calmers li qeghdin quddiem il-Gnien FX Ebejer fi Triq is-Swieqi. Il-Kunsillier A. Curmi pprezenta site-plan ta' hekk kif kienu gew approvati dawn it-traffic calmers mill-ADT. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li tintabgħat ittra lit-TM sabiex jekk hu possibli ufficjali tat-TM jigu fuq il-post inkwistjoni sabiex jiġi iċċekkjat jekk dawn il-calmers sarux skond l-ispeċifikazzjonijiet.

3. Il-Kunsillier issuġerixxa li ssir laqgħa mas-Sr Tony Mifsud mir-Reġjun. F' din il-laqgħa jiġu diskussi l-problemi ta' ħruġ tas-skart domestiku barra l-ħinijiet tal-ġbir. Dan l-iskart qed jinħareġ fil-parti ta' fuq ta' Triq is-Swieqi qabel in-niżla għall-wied. Il-Kunsillieri rrapurtaw ukoll l-istess aġir f' dawn it-toroq: Triq is-Sirk, Triq l-Ilma u Triq il-Qatta.

Il-Kunsillier P. Fenech talab biex jkun skużat. Il-hin kien 7:30pm.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunsillier ppreżenta lista ta' affarijiet pendenti li ghad irridu jigu diskussi. Din il-lista se tkun anessa ma' dawn il-Minuti bħala App. A.

2. Huwa rraporta li d-dawl ta' zebra crossing ta' Triq is-Swieqi ghadu bil-hsara minkejja li dan gie rrapurtat kemm-il darba lill-kuntrattur.

3. Fiz-zona ta' Lourdes Lane, il-Kunsillier irraporta li hemm xi residenzi li ghadhom bzonn jizbghru s-sigar ta' quddiem ir-residenzi tagħhom. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkairgu li jinforma lir-residenti dwar dan.

4. Huwa nforma wkoll li fi Triq Fuq il-Ġonna, hemm dawl li tagħatta kompletament bil-fireghi ta' buganvilla; hu ssuġerixxa li jsir shifting ta' din il-bozza. Wara diskuzzjoni gie deciz li tintbaghat applikazzjoni lill- Enemalta sabiex titressaq din il-bozza. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jaghmel dan.

5. Il-Kunsillier issuġerixxa li ghandha tinbidel it-tabella li tindika Triq is-Swieqi hekk ki tinżel minn hdejn ir-roundabout ta' Stylish Bathrooms ghall-mini tas-Swieqi. Is- Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jordna din it-tabella.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

**II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

<u>Milll-Kunsillier M. Abela</u>

1. Il-Kunsillier infurmat li fl-aħħar laqgħa li attendiet tar-Regjun, ġiet nfurmata li l-kumpanija ta' TCTC jixtieq jorganizza korsijiet ta' kompjuters b' kolloborazzjoni mar-Regjun tat-Tramuntana u l-Kunsilli. Wara diskuzzjoni, ġie deċiz li hekk kif TCTC jkollhom xi proposti, il-Kunsill jiġi nfurmat u jkun jista' jiddeċiedi.

2. Rigward il-Valletta 18 (City of Culture), hija giet nfurmata li kull kunsillier għandu jiddentifika xi postijiet ta' interess fil-lokalita'.

<u>Mill-Kunsillier A. Chetcuti</u>

1. Il-Kunsillier spjega fid-dettal iż-żewġ kuntratti tal-Green PAK dwar il-ġbir ta' skart irriċklat u tal-bring-in-sites. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ffirmati. Huwa nforma wkoll li skond rapporti li għandu, l-ġbir tal-ħgieġ kienet suċċess peress li ħafna residenti ikkoloboraw.

2. Il-Kunsillier staqsa dwat il-problema ta' nuqqas ta' *connectivity* tal-*mobile phones*, is-Segretraju Eżekuttiv ppreżenta kuntratt tal-GO li jrid jiġi ffirmat sabiex jitwaħħal apparat ieħor. Il-Kunsill unanimament qabel li jiġi ffirmat dan il-kunttrat.

3. Huwa staqsa meta hija pjanata li ssir l-ikla tal-Milied; ġie deċiż li din ssir fl-10 ta' Jannar 2015. Il-Kunsillier issuġerixxa biex jekk hu possibli din l-attivita' ssir barra l-lokalita'.

<u>Mill-Kunsillier C. Said</u>

1. Il-Kunsillier infurmat li diversi residenti nfurmawha li l-bankina hdejn l-istabbiliment Sunrise Inn fi Triq Sant Andrija tinsab perikoluza. Is- Segretarju Ezekuttiv wieġeb li se jinforma lit-Transport Malta rigward din il-materja pero' ħa l-inkarigu wkoll li jsewwi fejn hu perikoluż.

2. Hija nfurmat li fi Triq l-Ibraġ ħdejn il-knisja hemm ħofra. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv informa li se jqabbad il-ħaddiem manwali tal-Kunsill biex jara jistax issewwiha.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Viċi Sindku

1. Il-Viċi Sindku ppreżenta rapport li se jkun anness ma' dawn il-Minuti bħala App. B.

2. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsillieri preżenti sabiex sal-Ħadd 23 ta' Novembru 2014, jibgħatu write-up tagħhom għall-ħarga tal-magazine li jmiss. Il-Kunsillier C. Said ippreżentant write-up tagħha.

3. Rigward il-kwistjoni ta' clamping ta' vetturi li ma jkollhomx il-liċenzja valida, il-Viċi Sindku ssuġerixxa sabiex tinħareġ Call of Interest għal min jixtieq jkun inkairgat li jagħti dan is-servizz. Is- Sindku nforma li huwa ġa kien qed jaħdem fuq din il-materja; pero' meta għamel ir-riċerka tiegħu sab li ftit li xejn jkunu dawk li japplikaw peress li l-kunttrattur magħżul irrid jkollu l-makkinarju u l-post fejn jkunu jista' jżomm dawn il-vetturi hekk kif titlob Legal Notice.

4. Il-Viċi Sindku nforma li hu flimkien mas-Sindku, kellu laqgħa ma' persuna li tixtieq torganizza kors għall-ommijiet u t-trabi darba fil-ġimgħa fis-sala. Il-Kunsillier C. Said għalkemm taqbel li jsir dan il-kors fakkret li l-Kappillan ukoll jorganizza kors simili. Huwa nforma wkoll li flimkien mas-Sindku iltaqgħu ma' persuna li tixtieq li itella air-show ġewwa s-sala tal-Kunsill. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill qabel li dawn it-tip ta' korsijiet jigu organizzati pero' tajjeb li din il-materja terġa' diskussa fis-Seduti li jmiss peress li l-Kunsill xtaq li jkollu aktar informazzjoni. Il-Vici Sindku ħa l-inkarigu li jressaq din l-informazzjoni fis-Seduti li jmiss.

5. Rigward l-attivitajiet ppjanati għal-Milied, il-Viċi Sindku nforma li dawn se jittellaw nhar id-19, 20 u l-21 ta' Diċembru. Il-Kunsill unanimament qabel li matul dawn l-attivitajiet jinġabru fondi għal Malta Community Chest Fund; fil-fatt ġiet iffirmata l-applikazzjoni ta' parteċipazzjoni għall-ġbir ta' fondi għal din l-orgniazzazzjoni.

6. Rigward ix-xogħlijiet pendenti mill-Kuntrattut Silas Ltd. huwa reġa' nforma li x-xogħljiet kellhom jibdew u jkunu lesti sat-28 ta' Novembru. Wara diskuzzjoni ġie deċiz li hekk kif ipproponew il-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena, jekk din id-deadline ma tinżammx, il-garanzija bankajra għandha tiġi msarrfa immedjatament.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

## II APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

1. Ġiet ippreżentata l-iskeda tal-pagamenti nru.81 li ntbagħtet minn qabel lil kull Kunsillier permezz ta' email. Wara li saru xi aġġustamenti mitluba skond l-email tal-Kunsillier A. Curmi ( App C), kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti biex dawn il-pagamenti jiġu approvati minn barra dawk li ghad irridu jsiru xi kjarifikazzjonijiet.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is- Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti li l-Kunsill irċieva għas- Sejħa ta' :

<u>Ġbir ta' Skat Domestiku</u>

| | Galea Cleaning Solutions Ltd | C.A. Refuse Collection Ltd |
|---|---|---|
| 1.1 (Daily) | 380 Euro | 450 Euro |
| 1.2 (Daily) | 390 Euro | 480 Euro |
| | | |
| 1.1 (6 days x 52 weeks x 4 years) | 474,240 Euro | 561,600 Euro |
| 1.2 (6 days x 52 weeks x 4 years) | 486,720 Euro | 599,040 Euro |

Rigward dawn l-offerti, is-Segretraju Eżekuttiv nforma li dawn qed jiġu evalwati fid-dettal mill-Bord ta' l-Aġġuikazzjoni.

<u>Tender for Embellishment/upgrading of tennis court & clubhouse at Public Garden in Triq il-Hemel, Swieqi</u>

- J. Bonavia & Nephews Ltd. - €154,763.05 inc. Of VAT & CM Fees

Rigward din l-offerta, is- Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Perit tal-Kunsill qed iħejji l-Aġġudikazzjoni għal din it-tender.

**HUGH ZAMMIT** — **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT** — **SINDKU**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV- ikompli

<u>Kwotazzjoni – Dawl Dekorattiv tal-Milied</u>

1) Noel Borg
    a. Option 1 – 12 Feet Lights – 3,800 Euro
    b. Option 2 – 5 Feet Lights – 3,000 Euro
2) Daniele Armeni
    a. 12 Feet Lights = 4120 Euro

Rigward dawn l-offerti, is-Segretraju Eżekuttiv nforma li dawn qed jiġu evalwati fid-dettal mill-Bord ta' l-Aġġuikazzjoni.

2. Is- Segretraju Eżekuttiv informa li l-Kunsill fadallu jippublika l-avvizi għas-sejħiet ta' l-offerti msemmija hawn taħt:

    - Is-Servizz ta' Perit tal-Kunsill
    - Is-Servizz ta' Repair & Upkeep tas-Soft Areas fil-lokalita'
    - Mauntenzjoni ta' sinjali tat-traffiku u tabelli
    - Kwotazzjoni ta' insurnace

3. Rigward Memo 27/2014, is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena jixtieq japplika għal dawn il-fondi. Wara diskuzzjoni, il-Viċi Sindku nforma li jkun jaqbel jekk il-Kunsill flimkien mal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena jipprepara applikazzjoni waħda bl-attivitajiet kollha li jridu jiġu organizzati imbagħad jideċiedi d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali liema huma l-attivitajiet li jitellaw. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

4. Rigward id-data tal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, ġie deċiż li jsir kuntatt mal-Kunsillier R. Rossignaud sabiex jiġi iddentifikat meta se jkun qiegħed Malta. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**